# IL-BEBBUX


Me ta x- xi ta tib da nie żla, Me ta tqum xi mal tem
pa ta, Il- beb bux ta' ġol- ġnien tagħ na Joħ roġ
jagħ mel pas siġ ġa ta.



Il-bebbux iħobb jixxarrab
W inċirata ma jużax,
Lanqas joħroġ b'xi umbrella
Għax mix-xita ma jibżax.

Jibda tiela' mal-laringa,
Mar-rummiena w mal-lumija,
Mal-passaġġ arah jiżżerzaq
Jew jixxabbat ġo qasrija.

Bebbux ċkejken tal-gnien tagħna
Fittex itlaq lejn id-dar,
Għaliex ommi dalwaqt toħroġ
Biex issajrek f'nofs inhar.